ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vetturi kummerċjali [2019/1850]

Jinkorpora t-test validu kollu sa:
Is-Suppliment 4 tas-serje ta' emendi 03 – Data tad-dħul fis-seħħ: it-28 ta' Mejju 2019

Werrej

Regolament

1. Kamp ta' applikazzjoni

2. Definizzjonijiet

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

4. Approvazzjoni

5. Rekwiżiti

6. Modifiki u l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura

7. Konformità tal-produzzjoni

8. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

9. Produzzjoni mwaqqfa għal kollox

10. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

11. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

Annessi

1. Dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE

   Parti 1 – Mudell tad-Dokument ta' Informazzjoni

   Parti 2 – Komunikazzjoni

2. Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

3. Proċedura tat-test

Appendiċi 1: Struzzjonijiet għall-irbit tal-vetturi mal-bank tat-test

Appendiċi 2: Il-manikin li għandu jintuża biex jiġi vverifikat l-ispazju tas-sopravivenza

4. Il-proċedura biex jiġu ddeterminati l-punt "H" u l-angolu effettiv tat-torso għall-pożizzjonijiet bilqiegħda fil-vetturi motorizzati

Appendiċi 1: Deskrizzjoni tal-magna tal-punt H tridimensjonali (il-magna 3D H)

Appendiċi 2: Is-sistema ta' referenza tridimensjonali

5. *Data* ta' referenza dwar il-pożizzjonijiet bilqiegħda

1. Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-vetturi tal-kategorija N ([1]) fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina.

2. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

2.1. "*Approvazzjoni ta' vettura*" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura f'każ ta' impatt frontali jew f'każ li l-vettura tinqaleb.

2.2. "*Tip ta' vettura*" tfisser kategorija ta' vetturi motorizzati li ma jvarjawx fl-elementi essenzjali bħalma huma:

2.2.1. Il-qisien, il-forom u l-materjali tal-komponenti tal-kabina tal-vettura; jew

2.2.2. Il-mod kif inhi mwaħħla l-kabina mal-qafas tax-xażì;

2.3. "*Pjan trażversali*" tfisser pjan vertikali perpendikulari mal-pjan longitudinali tal-vettura;

2.4. "*Pjan longitudinali*" tfisser pjan parallel mal-pjan longitudinali medjan tal-vettura;

2.5. "*Vettura bil-kabina fuq il-magna*" tfisser vettura li jkollha aktar minn nofs it-tul tal-magna wara l-aktar punt 'il quddiem tal-bażi tal-windskrin u l-buttun tar-rota tal-istering ikun fl-ewwel kwart tat-tul tal-vettura.

2.6. "*Punt R*" tfisser il-punt ta' referenza ta' pożizzjoni bilqiegħda kif iddefinit fl-Anness 4, paragrafu 2.4.

2.7. "*Punt H*" tfisser il-punt iddefinit fl-Anness 4, paragrafu 2.3.

2.8. "*Test A*" tfisser test ta' impatt frontali maħsub biex jevalwa r-reżistenza ta' kabina f'aċċident ta' impatt frontali.

2.9. "*Test B*" tfisser test ta' impatt fuq il-pilastri A tal-kabina, maħsub biex jevalwa r-reżistenza ta' kabina f'aċċident li fih il-vettura tinqaleb 90° u b'impatt sussegwenti.

2.10. "*Test C*" tfisser test tas-saħħa tas-saqaf tal-kabina maħsub biex jevalwa r-reżistenza ta' kabina f'aċċident li fih il-vettura tinqaleb 180°.

2.11. "*Pilastru A*" tfisser l-appoġġ ta' quddiem nett u ta' barra nett tas-saqaf.

2.12. "*Windskrin*" tfisser il-ħġieġa ta' quddiem tal-vettura li tinsab bejn il-pilastri A.

([1]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, paragrafu 2.

2.13. *"Vetturi tal-kategorija N_1 derivati minn M_1" tfisser dawk il-vetturi ta' kategorija N_1 li, 'il quddiem mill-pilastri A, għandhom l-istess struttura u għamla ġenerali bħal ta' vettura tal-kategorija M_1 li diġà teżisti.*

2.14. "*Kabina separata*" tfisser kabina mqabbda mal-qafas tal-vettura permezz ta' rabtiet speċifiċi u li ma għandhiex parti komuni mal-parti għall-ġarr tal-merkanzija.

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina tal-vettura għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.

3.2. Għandu jkollha magħha tpinġijiet tal-vettura, li juru l-pożizzjoni tal-kabina fuq il-vettura u l-mod kif titwaħħal, u wkoll tpinġijiet dettaljati biżżejjed tal-istruttura tal-kabina. Għandhom jitressqu tliet kopji ta' dawn it-tpinġijiet kollha. Fl-Anness 1, Parti 1 hemm mudell tad-dokument ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-kostruzzjoni.

4. Approvazzjoni

4.1. Jekk it-tip tal-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 5 tiegħu, l-approvazzjoni għal dik it-tip ta' vettura għandha tingħata.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 03, li jikkorrispondu għas-serje 03 ta' emendi) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-emendi tekniċi ewlenin l-aktar reċenti li saru lir-Regolament fi żmien il-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tassenja l-istess numru għal tip ta' vettura oħra fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 2.2 hawn fuq.

4.3. Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jibagħtu notifika tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew tar-rifjut jew tal-irtirar tal-approvazzjoni jew tal-produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli kif speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([2]) u

4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit bl-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku stipulat fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk il-vettura tkun konformi ma' tip ta' vettura approvat, skont Regolament wieħed jew aktar anness mal-Ftehim, fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1'għandux għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan, in-numri u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-*data* tal-vettura.

4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni.

5. Rekwiżiti

5.1. Rekwiżiti ġenerali

5.1.1. Il-kabina tal-vettura għandha tkun iddiżinjata u mwaħħla mal-vettura b'tali mod li jiġi eliminat kemm jista' jkun ir-riskju ta' korrimenti tal-okkupanti f'każ ta' aċċident.

([2]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 jidhru fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 6 - http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

5.1.2. Il-vetturi tal-kategoriji N_1 u tal-kategoriji N_2 b'massa grossa tal-vettura li ma taqbiżx is-7,5 tunnellati għandhom jiġu soġġetti għat-testijiet A u C, kif deskritt fl-Anness 3, paragrafi 5 u 7.

Madankollu, tip ta' vettura li jissodisfa r-rekwiżiti dwar l-impatt frontali tar-Regolament Nru 12 jew tar-Regolament Nru 33 jew tar-Regolament Nru 94, u vetturi tal-kategorija N_1 idderivati minn M_1 approvati skont ir-Regolament Nru 94 jista' jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti dwar l-impatt frontali (it-test A).

It-Test C għandu jsir biss fuq vetturi li għandhom kabina separata.

5.1.3. Il-vetturi tal-kategoriji N_3 u vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa grossa tal-vettura li taqbeż is-7,5 tunnellati għandhom jiġu soġġetti għat-testijiet A u C, kif deskritt fl-Anness 3, paragrafi 5, 6, u 7.

It-Test C għandu jsir biss fuq vetturi li għandhom kabina separata.

5.1.4. It-test A (l-impatt frontali) għandu jsir biss fuq vetturi bil-kabina fuq il-magna.

5.1.5. Jistgħu jintużaw kabina waħda jew żewġ inkella tliet kabini, skont kif jagħżel il-manifattur, biex tintwera l-konformità mal-paragrafi 5.1.2 jew 5.1.3 hawn fuq. Madankollu, iż-żewġ fażijiet tat-test C, jekk applikabbli, għandhom jitwettqu fuq l-istess kabina.

5.1.6. L-ebda wieħed mit-testijiet A, B u C ma jeħtieġ li jsir jekk il-manifattur ikun jista' juri, permezz ta' simulazzjoni bil-kompjuter jew kalkoli tas-saħħa tal-partijiet komponenti tal-kabina jew b'mezzi oħra għas-sodisfazzjon tas-Servizz Tekniku, li l-kabina mhux se ssofri deformazzjoni perikoluża għall-okkupanti (penetrazzjoni fl-ispazju tas-sopravivenza) jekk tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet tat-testijiet.

5.2. L-ispazju tas-sopravivenza meħtieġ wara t-test jew it-testijiet

5.2.1. Wara li jsirilha kull wieħed mit-testijiet imsemmija fil-paragrafi 5.1.2 jew 5.1.3, il-kabina tal-vettura għandu jkollha spazju tas-sopravivenza li jippermetti li l-manikin kif iddefinit fl-Anness 3, Appendiċi 2, joqgħod fuq is-sit, meta dan is-sit ikun f'pożizzjoni medjana, mingħajr kuntatt bejn il-manikin tat-test u l-partijiet mhux reżiljenti b'Shore-Hardness ta' 50 jew aktar. Ma għandhomx jiġu kkunsidrati l-partijiet mhux reżistenti li jistgħu jitwarrbu minn ħdejn il-manikin tat-test mingħajr l-ebda għodda, b'forza ta' inqas minn 100 N. Biex tiġi ffaċilitata l-installazzjoni, il-manikin jista' jiddaħħal żarmat u jintrama fil-kabina. Għaldaqstant, is-sit għandu jiġi aġġustat għall-pożizzjoni l-aktar lura tiegħu u l-manikin għandu jintrama kompletament u jitqiegħed b'tali mod li l-punt H tiegħu jikkoinċidi mal-punt R. Imbagħad, is-sit għandu jitressaq 'il quddiem għall-pożizzjoni medjana tiegħu biex jiġi evalwat l-ispazju tas-sopravivenza. Bħala alternattiva għall-manikin tat-test definit fl-Anness 3, Appendiċi 2, jista' jintuża manikin raġel ta' ħamsin perċentil tat-tip Hybrid II jew III, bi strumenti tal-kejl jew mingħajrhom, kif deskritt fir-Regolament Nru 94.

5.2.2. L-ispazju ddefinit b'dan il-mod għandu jiġi vverifikat għal kull sit ipprovdut mill-manifattur.

5.3. Kundizzjonijiet oħrajn

5.3.1. Matul it-testijiet, il-komponenti li bihom il-kabina titwaħħal mal-qafas tax-xażì, jistgħu jitgħawġu jew jinkisru, sakemm il-kabina tibqa' mwaħħla mal-frejm tax-xażì permezz tal-fixtures normali tal-immuntar u ma tiċċaqlaqx, ma tersaqx u lanqas ma ddur madwar il-punti tal-irbit.

5.3.2. L-ebda bieba ma għandha tinfetaħ matul it-testijiet, iżda l-bibien ma hemmx għalfejn ikunu jistgħu jinfetħu wara l-ittestjar.

6. Modifiki u l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura

6.1. Kull modifika għat-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip mbagħad tista':

6.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula x'aktarx li ma jkollhomx effett negattiv kbir u li, fi kwalunkwe każ, il-vettura xorta tkun għadha konformi mar-rekwiżiti;

6.1.2. Inkella tesiġi rapport tat-test ieħor mis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

6.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati t-tibdiliet, għandhom jiġu kkomunikati lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz tal-proċedura indikata fil-paragrafu 4.3 hawn fuq.

6.3. L-Awtorità Kompetenti li toħroġ estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje għal estensjoni ta' din ix-xorta u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

7. Konformità tal-produzzjoni

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, (Skeda 1 E/ECE/TRANS/505/Rev.3), b'dawn ir-rekwiżiti:

7.1. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun immanifatturata b'mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' hawn fuq;

7.2. L-Awtorità Kompetenti li tkun tat l-approvazzjoni tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-konformità tal-mezzi ta' kontroll li huma applikabbli għal kull unità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' tali spezzjonijiet għandha tkun ta' darba kull sentejn.

8. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

8.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip tal-vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 7.1 ta' hawn fuq ma jkunx rispettat.

8.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat fl-imgħoddi, din għandha tinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament b'dan minnufih, permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

9. Produzzjoni mwaqqfa għal kollox

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf għalkollox milli jimmanifattura tip ta' vettura approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni dwar dan. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti dik l-awtorità għandha tinforma lill-Partijiet l-oħra tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

10. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

10.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni KEE skont dan ir-Regolament kif emendat permezz tas-serje ta' emendi 02.

10.2. Mill-1 ta' Ottubru 2002, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet KEE biss jekk ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kif emendat bis-serje 02 tal-emendi, jiġu sodisfatti.

10.3. Mill-1 ta' Ottubru 2006, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-approvazzjonijiet li ma ngħatawx b'konformità mas-serje 02 tal-emendi ta' dan ir-Regolament.

10.4. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 03, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni KEE skont dan ir-Regolament kif emendat permezz tas-serje ta' emendi 03.

10.5. Minn 72 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 03, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjoni KEE skont dan ir-Regolament għat-tipi tal-kabini l-ġodda biss jekk ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kif emendat bis-serje ta' emendi 03, jiġu ssodisfati.

10.6. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet tal-approvazzjoni skont is-serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

10.7. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu l-approvazzjonijiet għal dawk it-tipi ta' vetturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi preċedenti matul il-perjodu ta' 72 xahar ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 03.

10.8. L-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta tip ta' approvazzjoni nazzjonali jew reġjonali ta' tip ta' vettura approvat skont is-serje ta' emendi 03 ta' dan ir-Regolament.

10.9. Anki wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 03 ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjonijiet tal-vetturi skont is-serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jaċċettawhom.

11. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

Il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi li jwettqu t-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

ANNESS 1

DOKUMENTAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KEE

PARTI 1

MUDELL TAD-DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI

Skont ir-Regolament Nru 29 dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-kabina

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, trid tkun ipprovduta fi tliet kopji u trid tinkludi werrej. Kwalunkwe tpinġija trid tiġi fornuta fi skala xierqa u tkun dettaljata biżżejjed fuq daqs A4 jew f'folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom ikunu dettaljati biżżejjed.

1. Ġenerali …

1.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur): …

1.2. It-tip: …

1.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk ikun immarkat fuq il-vettura: …

1.3.3. Fejn tinsab dik il-marka: …

1.4. Il-kategorija tal-vettura ([1]): …

1.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: …

1.6. Indirizz(i) tal-impjant(i) fejn isir l-assemblaġġ: …

2. Karatteristiċi tal-Kostruzzjoni Ġenerali tal-Vettura …

2.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura rappreżentattiva: …

2.2. Tpinġija dimensjonali tal-vettura sħiħa: …

2.3. Għadd ta' fusien u roti: …

2.6. Pożizzjoni u arranġament tal-magna: …

2.7. Kabina tas-sewqan (kabina fuq il-magna jew konfigurazzjoni tradizzjonali) ([2]) …

2.8. Naħa tas-sewqan: …

3. Mases u Dimensjonijiet (f'kg u mm) (fejn applikabbli, irreferi għat-tpinġija) …

3.1. Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur: …

3.2. Massa massima teknikament permissibbli għall-fus jew fusien ta' quddiem tal-vettura: …

4. Kabina …

4.1. Tip ta' Kabina (normali/sleeper/top-sleeper) ([3]): …

4.2. Materjali użati u metodi ta' kostruzzjoni: …

([1]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, paragrafu 2.
([2]) Kabina fuq il-magna tfisser konfigurazzjoni li fiha aktar minn nofs it-tul tal-magna tkun tinsab wara l-aktar punt 'il quddiem tal-bażi tal-windskrin u l-buttun tar-rota tal-istering ikun fl-ewwel kwart tat-tul tal-vettura.
([3]) Ħassar fejn mhux applikabbli (hemm każijiet fejn tkun applikabbli aktar minn entrata waħda u ma jkun meħtieġ li jitħassar xejn).

4.3. Konfigurazzjoni u għadd ta' bibien: …

4.4. Tpinġijiet tal-latches tal-bibien u tal-komponenti li jżommuhom u l-pożizzjoni tagħhom fuq il-bibien: …

4.5. In-numru ta' sits: …

4.6. Punti R: …

4.7. Deskrizzjoni dettaljata tal-kabina tat-tip ta' vettura inklużi d-dimensjonijiet, il-konfigurazzjoni u l-materjali kostitwenti tagħha u l-irbit tagħha ma' kwalunkwe qafas tax-xażì …

4.8. Tpinġijiet tal-kabina u ta' dawk il-partijiet tal-arranġament intern tagħha li jistgħu jinfluwenzaw l-ispazju residwu: …


5. Stering …

5.1. Dijagramma/i skematika/skematiċi tal-kontroll/i tal-istering: …

5.2. Firxa u metodu ta' aġġustament (jekk hemm), tal-kontroll tal-istering: …

PARTI 2

Komunikazzjoni
(format massimu: A4 (210 × 297 mm))



Maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:

.....

.....

rigward: (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura skont ir-Regolament Nru 29.

Nru tal-Approvazzjoni: ..... Nru tal-Estensjoni: .....

1. Isem jew marka kummerċjali tal-vettura:.....
2. It-tip ta' vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:.....
4. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Deskrizzjoni qasira tad-disinn tal-kabina u l-metodu ta' twaħħil: ….....
6. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi: .....
7. Is-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
8. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz:.....
9. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz:.....
10. Approvazzjoni mogħtija/rrifjutata/estiża/irtirata (2) .....
11. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura:.....
12. Post: .....
13. Data:.....
14. Firma: .....

Il-lista ta' dokumenti ddepożitati mal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tat l-approvazzjoni hija annessa ma' din il-komunikazzjoni u tista' tinkiseb fuq talba.

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/rrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Aqta' barra dak li ma japplikax.

ANNESS 2

ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

MUDELL A


(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm, minimu

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq li tkun imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat, fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali, ġie approvat fin-Netherlands (E 4), bin-numru 03249. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw ir-Regolament Nru 29 diġà inkluż fis-serje ta' emendi 03 meta ngħatat l-approvazzjoni.

MUDELL B



a = 8 mm, minimu

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq li tkun imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E 4) skont ir-Regolamenti Nru 29 u Nru 24 ([1]) (Fil-każ tar-Regolament imsemmi l-aħħar, il-koeffiċjent tal-assorbiment ikkoreġut huwa 1,30 m-1). In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li fid-dati li fihom ingħataw dawn l-approvazzjonijiet, ir-Regolamenti Nru 29 u Nru 24 kienu jinkludu s-serje ta' emendi 03.

([1]) It-tieni numru ngħata biss bħala eżempju.

ANNESS 3

PROĊEDURA TAT-TEST

1. Bibien

Qabel it-testijiet, il-bibien tal-kabina għandhom jingħalqu iżda mhux jissakkru.

2. Magna

Għat-test A, il-magna, jew mudell ekwivalenti għaliha fil-piż, fid-dimensjonijiet ufl-immuntar, għandha titwaħħal fil-vettura.

3. Kabina

Il-kabina għandha tkun mgħammra bil-mekkaniżmu tal-istering, bl-istering, bil-panel tal-istrumenti u bis-sits tas-sewwieq u tal-passiġġieri. L-istering u l-pożizzjoni bilqiegħda għandhom jiġu aġġustati fil-pożizzjonijiet tagħhom għall-użu normali kif stipulat mill-manifattur.


4. Ankraġġ tal-kabina

Għat-test A, il-kabina għandha tiġi mmuntata fuq vettura. Għat-testijiet B u C, il-kabina għandha, skont kif jagħżel il-manifattur, tiġi mmuntata fuq vettura jew fuq qafas separat. Il-vettura jew il-qafas għandhom jitwaħħlu kif previst fl-Appendiċi 1 ta' dan l-anness.

5. Test tal-impatt frontali (test A)

Grafika 1

Test tal-impatt frontali (test A)



5.1. L-impattur għandu jkun tal-azzar u l-massa tiegħu għandha tkun imqassma b'mod uniformi. il-massa tiegħu m'għandhiex tkun inqas minn 1 500 kg. Il-wiċċ tad-daqqa tal-impattur, rettangolari u ċatt, għandu jkun wiesgħa 2 500 mm u għoli 800 mm (ara b u h fil-figura 1). Ix-xfar tiegħu għandhom ikunu ttundjati għal raġġ tal-kurvatura ta' 10 mm ±5 mm.

5.2. L-assemblaġġ tal-impattur għandu jkun ta' kostruzzjoni riġida. L-impattur għandu jkun imdendel liberament minn żewġ travi mwaħħla miegħu b'mod riġidu u bi spazju ta' mhux inqas minn 1 000 mm 'il bogħod minn xulxin (ara f fil-figura 1). It-travi m'għandhomx ikunu inqas twal minn 3 500 mm mill-assi ta' sospensjoni għaċ-ċentru ġeometriku tal-impattur (L fil-figura 1).

5.3. L-impattur għandu jiġi ppożizzjonat b'tali mod li fil-pożizzjoni vertikali:

5.3.1. il-wiċċ tad-daqqa tiegħu jkun qed imiss mal-parti ta' quddiem nett tal-vettura;

5.3.2. iċ-ċentru ta' gravità tiegħu jkun c = 50 + +5/– 0 mm 'l isfel mill-punt R tas-sit tas-sewwieq; u

5.3.3. iċ-ċentru ta' gravità tiegħu jkun fil-pjan longitudinali medjan tal-vettura.

5.4. L-impattur għandu jaħbat mal-kabina minn quddiem fid-direzzjoni lejn in-naħa ta' wara tal-kabina. Id-direzzjoni tal-impatt għandha tkun orizzontali u parallela mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura.

5.5. L-enerġija tal-impatt għandha tkun:


5.5.1. 29,4 kJ fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N_1 u ta' vetturi tal-kategorija N_2 b'massa grossa tal-vettura li ma taqbiżx is-7,5 tunnellati.

5.5.2. 55 kJ fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N_3 u ta' vetturi tal-kategorija N_2 b'massa grossa tal-vettura li taqbeż is-7,5 tunnellati.

6. Test tal-impatt tal-pilastru ta' quddiem (Test B)

Grafika 2

Test tal-impatt tal-pilastru ta' quddiem (Test B)



6.1. L-impattur għandu jkun riġidu u l-massa tiegħu għandha tkun imqassma b'mod uniformi. il-massa tiegħu m'għandhiex tkun inqas minn 1 000 kg. L-impattur għandu jkollu għamla ta' ċilindru b'dijametru d ta' 600 ±50 mm u b'tul b ta' mhux inqas minn 2 500 mm. Ix-xfar tiegħu għandhom ikunu ttundjati għal raġġ ta' kurvatura ta' mhux inqas minn 1,5 mm.

6.2. L-assemblaġġ tal-impattur għandu jkun ta' kostruzzjoni riġida. L-impattur għandu jkun imdendel liberament minn żewġ travi mwaħħla miegħu b'mod riġidu u bi spazju ta' mhux inqas minn f = 1 000 mm 'il boghod minn xulxin. It-travi ma għandhomx ikunu inqas minn L = 3 500 mm mill-assi tas-sospensjoni saċ-ċentru ġeometriku tal-impattur.

6.3. L-impattur għandu jiġi ppożizzjonat b'tali mod li meta jkun sospiż f'pożizzjoni vertikali:

6.3.1. Il-wiċċ tad-daqqa tiegħu ikun qed imiss mal-parti ta' quddiem nett tal-kabina;

6.3.2. Il-linja longitudinali medjana tiegħu tkun orizzontali u perpendikulari mal-pjan medjan longitudinali vertikali tal-kabina;

6.3.3. Iċ-ċentru ta' gravità tiegħu jkun nofs triq bejn il-frejm ta' isfel u ta' fuq tal-windskrin, kif imkejjel tul il-windskrin u tul il-pjan medjan longitudinali vertikali tal-kabina;

6.3.4. Iċ-ċentru ta' gravità tiegħu jkun fil-pjan medjan longitudinali tal-kabina;

6.3.5. It-tul tiegħu jkun imqassam indaqs fuq il-wisa' kollu tal-vettura u sovrapost fuq il-wisa' kollu taż-żewġ pilastri A.


6.4. L-impattur għandu jaħbat mal-kabina minn quddiem fid-direzzjoni lejn in-naħa ta' wara tal-kabina. Id-direzzjoni tal-impatt għandha tkun orizzontali u parallela mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura.

6.5. L-enerġija tal-impatt għandha tkun 29,4 kJ.

7. Test tas-saħħa tas-saqaf (Test C)

Grafika 3

Test tas-saħħa tas-saqaf (Test C)



7.1. Għall-vetturi tal-kategorija N_2 b'massa grossa tal-vettura li taqbeż is-7,5 tunnellati kif ukoll għal vetturi tal-kategorija N_3, iż-żewġ testijiet kif deskritti fil-paragrafi 7.3 u 7.4 hawn taħt, f'dik l-ordni, għandhom isiru fuq l-istess kabina.

7.2. Għall-vetturi tal-kategorija N_2 b'massa grossa tal-vettura li ma taqbiżx is-7,5 tunnellati kif ukoll għal vetturi tal-kategorija N_1, għandu jsir biss it-test kif deskritt fil-paragrafu 7.4 hawn taħt.

7.3. Il-pre-loading dinamiku tal-vetturi tal-kategorija N_2 b'massa grossa tal-vettura li taqbeż is-7,5 tunnellati u tal-kategorija N_3 (ara P_1 fil-figura 3).

7.3.1. L-impattur għandu jkun riġidu u l-massa tiegħu għandha tkun imqassma b'mod uniformi; il-massa tiegħu m'għandhiex tkun inqas minn 1 500 kg.

7.3.2. Il-wiċċ tad-daqqa tal-impattur għandu jkun rettangolari u ċatt. Id-dimensjonijiet tiegħu għandhom ikunu kbar biżżejjed biex, meta jiġi ppożizzjonat skont il-paragrafu 7.3.3 hawn taħt, ma jkun hemm l-ebda kuntatt bejn il-kabina u x-xfar tal-impattur.

Jekk jintuża pendlu bħala impattur, dan għandu jkun imdendel liberament minn żewġ travi mwaħħla miegħu b'mod riġidu u bi spazju ta' mhux inqas minn 1 000 mm 'il bogħod minn xulxin. Id-distanza taċ-ċentru ġeometriku tal-impattur mill-assi tas-sospensjoni ma għandhiex tkun inqas minn 3 500 mm.

7.3.3. L-impattur u/jew il-kabina għandhom jiġu ppożizzjonati b'tali mod li, meta jseħħ l-impatt:

7.3.3.1. Il-wiċċ tad-daqqa tal-impattur ikun f'angolu ta' 20° mal-pjan medjan longitudinali tal-kabina. Jew l-impattur inkella l-kabina jistgħu jiġu inklinati; Jekk l-impattur ikun pendlu, il-kabina ma għandhiex tkun immejla u għandha tkun installata f'pożizzjoni orizzontali;

7.3.3.2. Il-wiċċ tad-daqqa tal-impattur ikopri t-tul kollu tan-naħa ta' fuq tal-kabina;

7.3.3.3. Il-linja medjana longitudinali tal-impattur tkun orizzontali u parallela mal-pjan medjan longitudinali tal-kabina.

7.3.4. L-impattur għandu jaħbat man-naħa ta' fuq tal-kabina b'tali mod li meta jseħħ l-impatt, jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 7.3.3 hawn fuq. Id-direzzjoni tal-impatt għandha tkun perpendikulari mas-superfiċje tal-impattur u perpendikulari mal-linja medjana longitudinali tal-kabina. L-impattur jew il-kabina jistgħu jkunu qed jiċċaqilqu, sakemm ir-rekwiżiti tal-ippożizzjonar jiġu ssodisfati fil-mument tal-impatt.

7.3.5. L-enerġija tal-impatt ma għandhiex tkun inqas minn 17,6 kJ.

7.4. It-test tas-saħħa tas-saqaf (ara P_2 fil-figura 3)

7.4.1. L-apparat tat-tagħbija għandu jkun tal-azzar u l-massa tiegħu għandha tkun imqassma b'mod uniformi.

7.4.2. Il-wiċċ tat-tagħbija tal-apparat għandu jkun rettangolari u ċatt. Id-dimensjonijiet tiegħu għandhom ikunu kbar biżżejjed biex, meta jiġi ppożizzjonat skont il-paragrafu 7.4.4 hawn taħt, ma jkun hemm l-ebda kuntatt bejn il-kabina u x-xfar tal-apparat.

7.4.3. Tista' tiġi inkluża sistema ta' bearings lineari bejn l-apparat u l-istruttura ta' appoġġ tiegħu biex tippermetti li s-saqaf tal-kabina jagħmel moviment laterali 'l boghod min-naħa li tkun ħadet id-daqqa fil-fażi tal-pre-loading tal-paragrafu 6.3, jekk applikabbli.

7.4.4. L-apparat tat-tagħbija għandu jiġi ppożizzjonat b'tali mod li, matul it-test:

7.4.4.1. Ikun parallel mal-pjan x-y tax-xażi;

7.4.4.2. Jiċċaqlaq b'mod parallel mal-assi vertikali tax-xażi;

7.4.4.3. Il-wiċċ tat-tagħbija tiegħu jkopri s-superfiċje kollha tas-saqaf tal-kabina.

7.4.5. L-apparat tat-tagħbija għandu japplika tagħbija statika fuq is-saqaf tal-kabina, u din it-tagħbija għandha tikkorrispondi għall-massa massima awtorizzata għall-fus jew fusien ta' quddiem tal-vettura, soġġetta għal massimu ta' 98 kN.

Appendiċi 1

STRUZZJONIJIET GĦALL-IRBIT TAL-VETTURI MAL-BANK TAT-TEST.

1. Struzzjonijiet ġenerali għall-irbit

1.1. Għandhom jittieħdu miżuri biex il-vettura ma tersaqx b'mod apprezzabbli matul it-test. Għalhekk, għandu jiġi applikat il-hand-brake, il-magna għandha tkun ingranata u r-roti ta' quddiem imblukkati bil-kunjardi.

1.2. Ktajjen jew ħbula tal-ankraġġ

Il-ktajjen jew il-ħbula tal-ankraġġ għandhom ikunu tal-azzar u jkunu kapaċi jifilħu tagħbija ta' trazzjoni ta' mhux inqas minn 10 tunnellati.

1.3. Imblukkar tal-qafas tax-xażì

Il-membri lonġitudinali tal-qafas tax-xażì għandhom jistrieħu fuq blokok tal-injam, blokok ta' composite riġidu u/jew brackets aġġustabbli tal-metall fuq il-wisa' kollu tagħhom u fuq tul ta' mhux inqas minn 150 mm. It-truf ta' quddiem tal-blokok ma jridux ikunu 'l quddiem mill-aktar punt fuq wara tal-kabina, u lanqas wara l-punt nofsani tal-bażi tar-roti (ara l-Figura 1 hawn taħt). Fuq talba tal-manifattur, il-qafas tax-xażì għandu jiġi ssettjat fl-attitudni li jkollu meta jkun mgħobbi.

1.4. Irbit lonġitudinali

Iċ-ċaqliq tal-qafas tax-xażì lejn in-naħa ta' wara għandu jkun illimitat permezz ta' ktajjen jew ħbula A marbuta man-naħa ta' quddiem tal-qafas tax-xażì b'mod simetriku fil-konfront tal-assi lonġitudinali tiegħu, u l-punti l-irbit ma jistgħux ikunu inqas minn 600 mm minn xulxin. Il-ktajjen jew il-ħbula, meta jiġu ssikkati, għandhom jiffurmaw angolu 'l isfel ta' mhux aktar minn 25° mal-orizzontal u l-projezzjoni tagħhom fuq pjan orizzontali għandha tifforma angolu ta' mhux aktar minn 10° mal-assi lonġitudinali tal-vettura (ara l-Figura 1 ta' hawn taħt). Il-ktajjen jew il-ħbula jistgħu jgħaddu minn fuq xulxin.

1.5. L-issikkar tal-ktajjen jew tal-ħbula u l-irbit fuq in-naħa ta' wara

Għat-testijiet A u B, il-katina jew il-ħabel għandhom, għal-bidu, jitqiegħdu taħt tagħbija ta' bejn wieħed u ieħor 1 kN. L-erba' ktajjen jew ħbula A u B imbagħad għandhom jiġu ssikkati u l-katina jew il-ħabel C għandhom ikunu soġġetti għal stress tensili ta' mhux inqas minn 10 kN. L-angolu tal-katina jew tal-ħabel C mal-orizzontal ma għandhiex taqbeż 15°. Għandha tiġi applikata forza ta' mblukkar vertikali ta' mhux inqas minn 500N fil-punt D bejn il-qafas tax-xażì u l-art (ara l-Figura 1 ta' hawn taħt). Għat-test C, il-ktajjen jew il-ħbula B kif deskritt hawn fuq għandhom jiġu ssostitwiti bil-ktajjen jew il-ħbula E u F (ara l-Figura 2 ta' hawn taħt).

1.6. Immuntar ekwivalenti

Fuq talba tal-manifattur it-test jista' jsir bil-kabina mmuntata fuq qafas speċjali, bil-kundizzjoni li dan il-metodu ta' mmuntar jintwera li huwa ekwivalenti għall-immuntar fuq il-vettura.

2. Impatt frontali

2.1. Kabina mmuntata fuq il-vettura

It-Test A għandu jiġi applikat għal kabina mmuntata fuq il-vettura kif deskritt fil-paragrafu 1.

2.1.1. Irbit laterali

Iċ-ċaqliq laterali għandu jkun limitat permezz ta' ktajjen jew ħbula B marbuta mal-qafas tax-xażì b'mod simetriku f'relazzjoni mal-assi lonġitudinali tiegħu. Il-punti tal-irbit max-xażì għandhom ikunu mhux aktar minn 5 m u mhux inqas minn 3 m mill-tarf ta' quddiem tal-vettura. Il-ktajjen jew il-ħbula, meta jiġu ssikkati, għandhom jiffurmaw angolu 'l isfel ta' mhux aktar minn 20° mal-orizzontal u l-projezzjoni tagħhom fuq pjan orizzontali għandha tifforma angolu ta' mhux inqas minn 25° u mhux aktar minn 45° mal-assi lonġitudinali tal-vettura (ara l-Figura 1 ta' hawn taħt).

2.2. Kabina mmuntata fuq qafas

Għandhom jittieħdu miżuri biex il-kabina ma tersaqx b'mod apprezzabbli matul it-test.

3. Impatt tal-pilastri ta' quddiem

3.1. Kabina mmuntata fuq il-vettura.

It-Test B għandu jiġi applikat għal kabina mmuntata fuq il-vettura kif deskritt fil-paragrafu 1.

3.1.1. Irbit laterali

Iċ-ċaqliq laterali għandu jkun limitat permezz ta' ktajjen jew ħbula B marbuta mal-qafas tax-xażì b'mod simmetriku fil-konfront tal-assi longitudinali tiegħu. Il-punti tal-irbit max-xażì għandhom ikunu mhux aktar minn 5 m u mhux inqas minn 3 m mill-tarf ta' quddiem tal-vettura. Il-ktajjen jew il-ħbula, meta jiġu ssikkati, għandhom jiffurmaw angolu 'l isfel ta' mhux aktar minn 20° mal-orizzontal u l-projezzjoni tagħhom fuq pjan orizzontali għandha tifforma angolu ta' mhux inqas minn 25° u mhux aktar minn 45 ° mal-assi longitudinali tal-vettura (ara l-Figura 1 ta' hawn taħt).

3.2. Kabina mmuntata fuq qafas

Għandhom jittieħdu miżuri biex il-kabina ma tersaqx b'mod apprezzabbli matul it-test.

4. Saħħa tas-saqaf

4.1. Kabina mmuntata fuq il-vettura

It-Test C għandu jiġi applikat għal kabina mmuntata fuq vettura kif deskritt fil-paragrafu 1.

4.1.1. Imblukkar tal-qafas tax-xażì

Minkejja l-paragrafu 1.3 taħt iż-żewġ naħat tal-membri longitudinali tat-tarf ta' quddiem tal-qafas tax-xażì għandu jitqiegħed appoġġ addizzjonali.

4.1.2. Irbit laterali

Iċ-ċaqliq laterali għandu jkun limitat permezz ta' ktajjen jew ħbula E u F marbuta mal-qafas tax-xażì b'mod simetriku f'relazzjoni mal-assi longitudinali tiegħu.

Il-punti tal-irbit tal-ktajjen jew tal-ħbula E max-xażì għandhom ikunu mhux aktar minn 5 m u mhux inqas minn 3 m mill-tarf ta' quddiem tal-vettura.

Il-punti tal-irbit tal-ktajjen jew tal-ħbula F max-xażì għandhom ikunu bejn iċ-ċentru tal-fus ta' quddiem u t-tarf ta' quddiem tal-vettura.

Il-ktajjen jew il-ħbula, meta jiġu ssikkati, għandhom jiffurmaw angolu 'l isfel ta' mhux aktar minn 20 ° mal-orizzontal u l-projezzjoni tagħhom fuq pjan orizzontali għandha tifforma angolu ta' mhux aktar minn 90°±5° mal-assi longitudinali tal-vettura (ara l-Figura 2 ta' hawn taħt).


4.2. Kabina mmuntata fuq qafas

Għandhom jittieħdu miżuri biex il-qafas ma jersaqx b'mod apprezzabbli matul it-test.

Grafika 1

Test tal-impatt frontali u test tal-impatt tal-pilastru ta' quddiem


Il-kabina hija mmuntata fuq il-vettura.



Grafika 2


Test tas-saħħa tas-saqaf

Il-kabina hija mmuntata fuq il-vettura.



Appendiċi 2

IL-MANIKIN LI GĦANDU JINTUŻA BIEX JIĠI VVERIFIKAT L-ISPAZJU TAS-SOPRAVIVENZA



Dimensjonijiet		
Isem	Deskrizzjoni	Dimensjonijiet f'mm
AA	Wisa' tar-ras	153
AB	Għoli kkombinat tar-ras u tal-għonq	244
D	Distanza mil-ponta tar-ras sal-pern tal-ispalla	359
E	Fond tal-pexxul	106
F	Għoli mis-sit sal-ponta ta' fuq tal-ispalla	620
J	Għoli tal-appoġġ għall-minkeb	210
M	Għoli tal-irkoppa	546
O	Il-fond tas-sider	230
P	Distanza mid-dahar tas-sit sal-irkoppa	595
R	Distanza mill-minkeb sal-ponta tas-suba'	490

Dimensjonijiet		
Isem	Deskrizzjoni	Dimensjonijiet f'mm
S	Tul tas-sieq	266
T	Tul tar-ras	211
U	Għoli mis-sit tal-punt ta' fuq nett tar-ras	900
V	Wisa' tal-ispallejn	453
W	Wisa' tas-sieq	77
a	Distanza bejn il-punti tan-nofs tal-ġnub	172
b	Wisa' tas-sider	305
c	Għoli tar-ras u tal-geddum	221
d	Ħxuna tad-driegħ	94
e	Distanza bejn il-linja ċentrali vertikali tat-torso u l-parti ta' wara tar-ras	102
f	Distanza bejn il-pern tal-ispalla u l-pern tal-minkeb	283
g	Għoli tal-pern tal-irkoppa mill-art	505
h	Wisa' tal-koxxa	165
i	Għoli tal-ħoġor (bilqiegħda)	565
j	Distanza mill-ogħla punt tar-ras sal-punt "H"	819
k	Distanza bejn il-pern tal-ġenb u l-pern tal-irkoppa	426
m	Għoli tal-pern tal-għaksa mill-art	89
ϑ_1	Rotazzjoni laterali tar-riġlejn	20 °
ϑ_2	Rotazzjoni 'l fuq tar-riġlejn	45 °

ANNESS 4

PROĊEDURA GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-PUNT "H" U L-ANGOLU REALI TAT-TORSO GĦALL-POŻIZZJONIJIET BILQIEGĦDA FIL-VETTURI MOTORIZZATI [1]

---

[1] Il-proċedura hija deskritta fl-Anness 1 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6.

Appendiċi 1

DESKRIZZJONI TAL-MAGNA TAL-PUNT "H" TRIDIMENSJONALI (IL-MAGNA 3D H) [1]

---

[1] Il-magna 3D H hija deskritta fl-Anness 1, Appendiċi 1 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) (id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6).

Appendiċi 2

SISTEMA TA' REFERENZA TRIDIMENSJONALI [1]

---

[1] Kif deskritt fl-Anness 1, Appendiċi 2 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6.

ANNESS 5

DATA TA' REFERENZA DWAR IL-POŻIZZJONIJIET TA' BILQIEGĦDA [1]

---

[1] Kif deskritt fl-Anness 1, Appendiċi 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6.